## Laqgha Numru 20/K3/2000

## Introduzzjoni

Minuti ta' l-Ghoxrin Laqgha tas-sena 2000 tat-Tielet Kunsill Lokali Pembroke li saret nhar l-Erbgha 6 ta' Dicembru 2000.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.00 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Paul Baldacchino, il-Kunsilliera Pierre Cordina, Carmela Attard u l-Kunsillier Ray Pace flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

## Agenda

Il-Kunsill mexa fuq l-avviz li gie ppubblikat fid-29 ta' Novembru 2000. L-**Agenda** kienet hekk

1. **Approvazzjoni tal-Minuti Rif. 19 / K3 / 2000.**
2. **Mistoqsijiet.**
3. **Korrispondenza.**
4. **Road Resurfacing.**
5. **Diskussjoni rigward l-operat tal-Kunsill ingenerali.**
6. **Rapport t'efficjenza tal-Kunsilli Lokali perjodu Mejju–Lulju 2000.**
7. **Approvazzjoni tal-kontijiet.**
8. **Materji Ohra.**

## 1. Approvazzjoni tal-Minuti 19/K3/2000.

1.1. Is-Sindku Joe Zammit ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 19/K3/2000.

1.2. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ssekonda.

1.3. Il-Kunsilliera Pierre Cordina u Carmela Attard astjenew minhabba li ma kienux prezenti.

1.4. Il-mozzjoni ghaddiet unanimament.

## 2. Mistoqsijiet.

2.1. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghall-item li kien imiss.

## 3. Korrispondenza.

3.1. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm il-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn it-22 ta' Novembru u s-6 ta' Dicembru 2000 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera. Fost l-ittri kollha saret riferenza ghall-

| Rif. | Suggett |
|---|---|
| 46/1431/00/I | Ittra minghand l-Awtorita' ta' l-Ippjanar b'applikazzjonijiet godda ghall-permess ta' zvilupp. |
| 46/1443/00/I | Kopja t'ittra anonima li ntbaghatet lil-ALE biex titnehha vettura abbandunata hdejn Blokk 4 Qasam tad-Djar San Gorg. |
| 46/1444/00/I | Ittra minghand l-Awtorita' ta' l-ippjanar bil-kundizzjonijiet tal-permess ghall-bini ta' Sit D tal-Housing fi Triq Kurunell Cocks. |
| 46/1456/00/I | Ittra minghand is-sur Nello Micallef rigward kuntratt li ghamel mal-Kunsill Lokali San Pawl biex isiru ritratti 3D fuq l-internet. |
| 46/1457/00/I | Bill of Quantities minghand il-Perit Kevin Fsadni rigward l-embellishment tal-passagg ta' bejn Triq Alamein u Triq Giorgio Mitrovich. |
| 46/1476/00/I | Ittra minghand il-Pembroke Residents Association jitolbu nformazzjoni minghand il-Kunsill rigward il-policy tal-Kunsill dwar ftuh ta' hwienet fil-lokal. |
| 46/1485/00/I | Ittra minghand l-Awtorita' ta' l-Ippjanar rigward d-decizjoni tal-Billboard li hemm illegalment madwar il-Luxol Sport Ground. |
| 46/1486/00/I | Ittra minghand l-Awtorita' ta' l-Ippjanar rigward d-decizjoni tal-Billboard li hemm illegalment madwar il-Luxol Sport Ground. |
| 46/1500/00/I | Petizzjoni minghand ir-residenti ta' Triq il-Fortizza u Triq Don Luigi Billion rigward materjal li qed jigi depositat fuq is-sit li hemm quddiem id-djar taghhom. |
| 46/1511/00/I | Ittra minghand l-Awtorita' ta' l-Ippjanar bl-agenda tad-DCC. |
| 46/1514/00/I | Ittra minghand l-Onor. Joseph Cuschieri jitlob lill-Kunsill jikkunsidra l-possibilita' li ssir sleeping policeman fi Triq Tobruk. |
| 46/1516/00/I | Skeda ta' prezzijiet proposti minghand il-Kumpanija Penza Group ghal-xoghol ta' tqeghied ta' pajpijiet tal-Maltacom. |
| 46/1517/00/I | Rapport minghand il-Field Branch Services Unit rigward l-istat taz-zamma tat-toroq urbani. |
| 46/1518/00/I | Rapport minghand il-field Branch Services Unit rigward il-knis u qtugh ta' haxix fit-toroq urbani. |
| 46/1520/00/I | Ittra minghand il-Kumpanija Penza Group jitolbu pjanti bil-livelli proposti ghal-fejn qed isir xoghol ta' Road Resurfacing. |

3.2. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1431/00/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li skond policy diga ezistenti fi hdan il-Kunsill, il-Kunsill ser joggezzjona ghall-applikazzjoni riferenza PA 05858/00 biex jinfetah ironmongery fi Triq Patri Indri Vella.

3.3. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino rrakkomanda li tinkiteb ittra lill-Onor. Ministru Dr. Austin Gatt rigward fejn waslet it-talba tal-Kunsill vis-à-vis id-delega ta' bicca art biex ikun jista' jinbena c-Centru Civiku Kummercjali mill-Kunsill.

3.4. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1476/00/I** is-Sindku Joe Zammit qal li l-Pembroke Residents Association ghandhom jigu nfurmati li l-policy tal-Kunsill dwar hwienet hija li l-Kunsill joggezzjona li jinfethu hwienet mferxa madwar il-lokal, li rigward ic-Centru Civiku Kummercjali l-Kunsill ghadu qed jistenna risposta minghand id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali liema risposta ghandha tohrog wara l-pubblikazzjoni tan-North Harbour Plan hekk kif ikun approvat mill-Parlament, li l-Kunsill qed joggezzjona ghall-ftuh ta' Ironmongery fi Triq Patri Indri Vella kif ukoll li l-Kunsill ghandu policy li joggezzjona fuq kull applikazzjoni ghall-ftuh ta' hwienet kummercjali ghalkemm jirriserva d-dritt li jbiddel din il-policy fejn jirrigwarda htigijiet sanitarji u umanitarji.

3.5. Il-Kunsillier Ray Pace inghaqad mal-laqgha fil-5.15 pm.

3.6. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1443/00/I** is-Sindku Joe Zammit ppropona li l-Kunsill iqabbad lill-kumpanija RMF biex tnehhi l-vettura li hemm quddiem Blk 4 Qasam tad-Djar San Gorg inkluz vetturi ohra minn madwar il-lokal. Il-kelliem ppropona wkoll li l-Kunsill jibghat ittra lir-residenti ta' Blk 4 fejn jinfurmhom bl-azzjoni li ser tittiehed kif ukol li qed isir dak kollu possibbli biex ma jkunx hemm inkonvenjent mil-progett tal-Housing li qed isir quddiemhom.

3.7. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ssekonda.

3.8. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.9. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1456/00/I** gie deciz unanimament li minhabba l-fatt li m'hemmx allokazzjoni finanzjarja biex isir updating tal-home page tal-Kunsill fuq l-internet, ghalissa din il-proposta ma tigix ikkunsidrata izda tista' tigi kkunsidrata fis-sena li gejja.

3.10. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1457/00/I** gie deciz unanimament li minhabba l-fatt li l-ispiza hija hafna aktar mil-allokazzjoni prevista jkun ahjar li dan il-progett jigi kkunsidrat fis-sena finanzjarja li gejja ghalkemm ma giex eskluz li jinbeda xi xoghol. Fil-fat gie deciz li nhar il-Gimgha 8 ta' Dicembru fit-8.30 am ser jiltaqghu fuq il-post is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Paul Baldacchino flimkien mal-Kunsillier Ray Pace biex jaraw x'jista' jsir temporanjament biex il-passagg ta' bejn Triq Alamein u Triq Giorgio Mitrovich ikun accessibbli ghar-residenti.

3.11. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1500/00/I** is-Sindku Joe Zammit ppropona li r-residenti ta' Triq il-Fortizza u Triq Luigi Billion ghandhom jigu nfurmati li l-Kunsill ghandu applikazzjoni pendenti quddiem l-Awtorita' ta' l-Ippjanar biex is-sit li hemm quddiem id-djar taghhom isir gnien.

3.12. Il-Vici Sindku Paul Baldacchnio ssekonda.

3.13. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.14. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1514/00/I** wara diskussjoni qasira, is-Sindku Joe Zammit ppropona li minflok sleeping policeman fi Triq Tobruk ghandha ssir realignment tat-triq biex it-traffiku li jkun diehel minn Triq Sant Andrija jkollu jieqaf hesrem faccata tal-passagg li sar hdejn l-istalel taz-zwiemel.

3.15. Il-Kunsillier Ray Pace ssekonda fejn qal li din ghandha ssir bhal ma hemm fi Triq Fra Francesco Wizzino.

3.16. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.17. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1376/00/I** il-Kunsillier Ray Pace ppropona li jinxtara l-ktieb Old Photographs of Malta minghand is-sinjura Carmelina Grech.

3.18. Il-Kunsilliera Carmela Attard ssekondat.

3.19. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.20. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1384/00/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni biex jintrama Circus fl-ex Parade Ground bejn il-15 ta' Dicembru 2001 sat-13 ta' Jannar 2002 sakemm ma jkunx hemm inkonvenjent ghar-residenti ta' l-inhawi kif ukoll li s-sur Sacco jidhol responsabbli li jnaddaf l-area kollha ta' kulljum, jiehu hsieb li jkun hemm parking organizzat kif ukoll li joffri sponsor finanzjarju ta' Lm 1,000.00 lill-Kunsill biex jintuza ghall-gid tal-lokal liema sponsor ghandu jinghata lill-Kunsill xahar qabel ma ssir l-attivita'. Il-kelliem ppropona wkoll li jekk huwa possibbli ssir garanzija bankarja biex tkopri jekk issir xi hsara fuq is-sit fejn ser issir l-attivita'.

3.21. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ssekonda.

3.22. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 4. Road Resurfacing.

4.1. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-'house connections' kienu kwazi kollha lesti kif ukol kien inbeda x-xoghol fuq il-bankina ta' Triq Patri Indri Vella. Il-kelliem qal li kien informa lill-kuntrattur biex jekk ser jieqaf ix-xoghol waqt il-granet tal-festi tal-Milied, l-istess kuntrattur ghandu jara li ma jhallix hmieg u materjal fit-toroq u dan biex ma jkunx hemm inkonvenjent ghar-residenti. Is-Sindku nforma lill-Kunsill ukoll li kienu fi stadju avvanzat hafna l-preparazzjonijiet biex tinhareg it-tender fuq it-toroq li jmiss.

## 5. Diskussjoni dwar l-operat tal-Kunsill ingenerali.

5.1. Is-Sindku Joe Zammit qal li huwa kien ta' l-opinjoni li minn zmien ghal-zmien ikun hemm diskussjoni fi hdan il-Kunsill dwar l-operat tal-Kunsill u dan biex tissahhah il-koperazzjoni bejn il-Kunsilliera, staff u r-residenti. Il-kelliem stieden lill-Kunsilliera kollha biex iresqu l-kummenti u suggerimenti taghhom.

5.2. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino qal li l-aktar haga li jixtieq li jara titjieb, huwa l-fatt li jkunu ttiehdu decizjonijiet li jibqugh fuq l-ixkaffa. Il-kelliem qal li ghalkemm jaf li jsir sforz u pressjoni biex ix-xoghol jibda, fl-istess hin jixtieq li dan l-isforz jizdied. Il-kelliem qal li jekk hemm bzonn, jitqabbdu aktar kuntratturi biex ix-xoghol ikun jista' jsir b'aktar efficjenza.

5.3. Il-Kunsillier Ray Pace qal li kien jaqbel mal-kummenti tal-Vici Sindku Paul Baldacchino kif ukoll li kemm jista' jkun ghandha tinghata attenzjoni ghal-isbalji ta' l-ortografija fuq il-korrispondenza ufficcjali tal-Kunsill.

5.4. Il-Kunsillier Carmela Attard ghamlet rimarka ghal xi gebel li hemm quddiem Blk 7 Qasam tad-Djar San Gorg, fejn talbet biex jekk jista' jkun jitnehhew ghax huma ta' periklu.

5.5. B'riferenza ghall-kummenti kollha li saru, is-Sindku Joe Zammit qal li rigward xogholijiet u progetti tal-Kunsill qed isir dak kollu possibbli biex dawn isiru u fil-fatt isiru diversi tentattivi u nsistenzi ma' min ikun koncernat biex jew jiprovdi l-informazzjoni li jkun intalab mill-Kunsill jew inkella jinbeda x-xoghol mitlub. Il-kelliem irrakkomanda lill-Kunsilliera biex jekk huwa possibbli jzommu kuntatt kontinwu ma' l-Ufficcju Amministrattiv kif ukoll li jekk huwa possibbli l-korrispondenza tal-Kunsill mhux tinqara waqt il-laqgha izda jinstab hin biex kull Kunsillier jifli l-korrispondenza qabel il-laqgha halli b'hekk ikun preparat ahjar ghall-laqgha. Il-kelliem qal li minhabba li hemm bzonn hafna xi jsir huwa minnu li l-Kunsill jehtieg aktar minn kuntrattur wiehed kif ukoll li s-sena d-diehla hemm il-bzonn li jkun hawn zewg handy-man u mhux wiehed.

## 6. Rapport t'efficjenza tal-Kunsilli Lokali ( Mejju – Lulju 2000 ).

6.1. Wara diskusjsoni generali dwar dan ir-rapport t'efficjenza ghall-perjodu Mejju – Lulju 2000 mahrug mil-Ministeru tal-Gustizzja u Gvern Lokali , is-Sindku Joe Zammit ppropona li dan ir-rapport ghandu jigi mwiegeb permezz t'ittra lill-Onorevoli Ministru Dr. Austin Gatt fejn tigi elenkata d-dizaprovazzjoni tal-Kunsill ghal-mod kif il-verzjoni li nghatat lill-Kunsill hija differenti minn kif gie mressaq fil-Parlament.

6.2. Il-Kunsillier Ray Pace ssekonda.

6.3. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 7. Approvazzjoni tal-kontijiet.

7.1. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni ta' skeda ta' pagamenti. **( Ara Appendici A )**

7.2. Il-Kunsillier Ray Pace ssekonda.

7.3. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 8. Materji Ohra.

8.1. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-kuntrattur J & K Construction kien qed jirrakkomanda lill-Kunsill li fir-rigward tat-toroq mhux urbani kien lest li jaghmel xoghol ta' patching kif kien isir fl-antik fejn il-Kunsill jigi mitlub ihallas ghat-tarmac kif ukoll ir-rata ta' Lm 25.00 ghall-kull persuna li jkun xoghol.

8.2. Fuq din il-proposta l-Vici Sindku Paul Baldacchino ppropona lil-Kunsill jilqa' din l-offerta tal-J & K biex ikun jista' jsir ix-xoghol kif propost.

8.3. Il-Kunsillier Ray Pace ssekonda.

8.4. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.5. Il-Kunsillier Ray Pace talab biex jitnehhew is-sigar li gew imhawla fil-kantunieri minn residenti.

8.6. Gie deciz li l-Vici Sindku Paul Baldacchino ghandu jipprepara ittra lill-dawn ir-residenti fejn jigu nfurmati li minhabba periklu dawn is-sigar ghandhom jitnehhew minn fejn gew imhawla.

8.7. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-party tat-tfal tal-Milied ghandu jsir nhar l-Erbgha 27 ta' Dicembru 2000 fejn it-tfal jittiehdu jaraw film l-Eden Cinema fl-10.00 am, il-prezz tal-biljetti ghandu jkun ta' Lm 2.00 kull persuna kif ukoll li jinxtraw 200 rigal minghand il-kumpanija DSF.

8.8. Il-Kunsillier Carmela Attard issekondat.

8.9. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.10. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-party tal-haddiema li ghandhom konnessjonijiet mal-Kunsill ghandu jsir nhar l-Erbgha 20 ta' Dicembru bejn il-11.00 am u l-4.00 pm fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill kif ukol li l-Kunsill jalloka s-somma ta' Lm 250.00 ghal din l-attivita'. Il-Kelliem propona wkoll li jinxtraw ammont ta' kejkijiet biex jinghataw lill-anzjani tal-lokal liema kejkijiet ghandhom jinghataw lill-anzjani nhar l-Erbgha 20 ta' Dicembru bejn l-4.00pm u l-5.00 pm fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill.

8.11. Il-Kunsillier Carmela Attard issekondat.

8.12. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.13. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino fis-7.20 pm talab li jigi skuzat minhabba mpenji ohra.

8.14. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fakkar lill-Kunsillier Ray Pace biex jaghddi lill-Kunsill ir-riferenza tar-ritratti li ghandhom jigu ordnati minghand l-Awtorita' ta' l-Ippjanar kif ukoll rigward ir-risposta ta' l-ittra li kien kiteb is-sur W. Zahra fuq The Times.

8.15. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaghlaq ghax-'shut down' tal-Milied bejn il-25 u 29 ta' Dicembru z-zewg igranet inkluzi kif ukoll li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg jithallas tal-granet leave li jkun ghadu ma hax minhabba mpenji ta' xoghol. Il-kelliem qal li bejn wiehed u iehor dan l-ammont huwa ta' 18 il-gurnata leave.

8.16. Il-Kunsillier Ray Pace qal li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ghandu jaghmel sforz biex ikun hemm programm ta' leave biex jekk jista' jkun is-sena d-diehla ma jkunx hemm hafna leave pendenti. Il-kelliem qal li japrezza wkoll li s-sur Borg ma setghax jiehu l-leave matul din is-sena.

8.17. Il-Kunsillier Ray Pace ssekkonda.

8.18. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.19. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg irringrazzja lill-Kunsill ta' dan.

8.20. Il-Laqgha ntemmet fis-7.30 pm wara li ntlahaq ftehiem li l-laqgha li jmiss issir f'Jannar tas-sena 2001 sakemm ma jkunx hemm xi materji urgenti matul iz-zmien tal-festi tal-Milied.

| **Joe Zammit** | **Kevin Borg** |
|---|---|
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |